TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 326/12/GB

**Janice Dingli**

**vs**

**Mobisle Communications Ltd.**

Illum 10 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Dicembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' erbgha mija disgha u disghin Ewro (€499.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset meta xtrat 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ftit xhur ilu hija kienet dahlet go kuntratt mas-socjeta' ntimata, fejn inghatat l-ghazla ta' mobile phone b'xejn jew prezz redott fuq mobile. Ir-rikorrenti xtrat mobile phone li kien jiswa hames mitt Ewro (€500.00) ghall-prezz ta' mitejn Ewro (€200.00), flimkien ma' kuntratt ta' sentejn. Il-mobile phone huwa kopert b'garanzija ghal sentejn.

Fit-12 ta' Settembru, il-mobile phone waqaf jahdem. Illi ghalhekk ir-rikorrenti haditu lura ghand is-socjeta' ntimata fejn il-mobile phone kellu jintbaghat barra minn Malta ghat-tiswija. Is-socjeta' ntimata mbaghad informat lir-rikorrenti illi l-mobile phone in kwistjoni ma kienx ghadu kopert bil-garanzija stante illi kien hemm tracci li l-imsemmi mobile phone kien gie in kuntatt ma' l-ilma.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21[illegible]

Ir-rikorrenti insistiet mas-socjeta' ntimata illi l-mobile phone ma kienx ixxarrab. Is-socjeta' ntimata informatha illi x-xogholijiet ta' tiswija kellhom jithallsu mir-rikorrenti jekk il-garanzija m'ghadhiex valida.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tat-talba. Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebiet dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.JD1, Dok.JD2 u Dok.JD3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok.MB1, Dok.MB2 u Dok.MB3.

Xehed Keith Schembri, prodott mis-socjeta' ntimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi huwa l-phone technician mas-socjeta' Maxi Quartx SPL Ltd. Dan ix-xhud ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok.KS1 u Dok.KS2.

Illi bi qbil bejn il-partijiet, l-isem tas-socjeta' ntimata giet emendata u sostitwita bl-isem ta' 'Mobisle Communications Ltd.'

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-rapport tekniku ezebit u mmarkat bhala Dok.MB2, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**.